A.L. 248 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2005 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1996 għall-Kors tad-Diploma in Youth Studies - Dip. Youth St. - u tal-Grad ta' Bachelor of Arts in Youth and Community Studies - B.A.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2005 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1996 għall-Kors tad-Diploma in Youth Studies - Dip. Youth St. - u tal-Grad ta' Bachelor of Arts in Youth and Community Studies - B.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1996 għall-Kors tad-Diploma in Youth Studies - Dip. Youth St. - u tal-Grad ta' Bachelor of Arts in Youth and Community Studies - B.A., ippubblikati bħala l-Avviż Legali 137 ta' l-1996, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 1999, 2000, 2001 u 2002.

|ieda tar-regolament 14 mar-regolamenti prinċipali

3. Ir-regolament 14 li ġej għandu jiżdied wara r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali:

"14. (1) Fl-aħħar tal-ħames sena tal-Kors, l-istudenti li jtemmu b'suċċess ir-rekwiżiti kollha u li jiksbu marka globali minima ta' 55% jistgħu jirrinunzjaw għall-għoti tal-Grad u japplikaw għal semestru addizzjonali, fuq bażi *part-time,* li matulu huma jkunu meħtieġa jsegwu taqsimiet studju addizzjonali li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 15-il kredtu ECTS.

(2) L-istudenti li jiksbu l-kredti għat-taqsimiet studju li jagħmlu matul is-semestru addizzjonali jkunu eliġibbli għall-għoti tal-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Youth and Community Studies.

(3) L-istudenti li jew jagħżlu li jtemmu l-istudji tagħhom matul is-semestru addizzjonali għar-rikonoxximent bl-Unuri, jew li ma jiksbux il-kredti assenjati għal xi taqsima studju offruta matul is-semestru addizzjonali, wara li jingħataw valutazzjoni supplimentari waħda, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad ikklassifikat skond ir-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Qabel il-bidu tas-semestru addizzjonali, il-Bord ta' l-Istudji tal-Programm tal-Youth Studies għandu jippubblika l-lista ta' taqsimiet studju addizzjonali li l-istudenti huma mistennija jsegwu.

(5) L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student fil-kors għall-għan tal-klassifikazzjoni għar-rikonoxximent bl-Unuri għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-kors għall-Grad u fis-semestru addizzjonali, bil-kredti kollha miksuba jingħataw piż indaqs.

(6) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad bl-Unuri għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

L-Ewwel Klassi bl-Unuri
It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Superjuri)
It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Inferjuri)
It-Tielet Klassi bl-Unuri."